Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10593 — DUSSUR / SeAH / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 102/09)

1. Fit-22 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Saudi Arabian Industrial Investments Company ("Dussur", l-Arabja Sawdija), ikkontrollata bi sħab mill-Public Investment Fund ("PIF", l-Arabja Sawdija) u mis-Saudi Aranian Oil Company ("Saudi Aramco", Arabja Sawdija),

— SeAH Changwon Integrated Special Steel Corp. ("SeAH", il-Korea t'Isfel), finalment ikkontrollata minn SeAH Holdings Corporation (il-Korea t'Isfel),

— Kumpanija maħluqa ġdida (il-joint venture, "JV fil-Mira", Arabja Sawdija).

Dussur u SeAH jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Dussur hija ditta strateġika ta' investiment industrijali,

— SeAH hija manifattur ta' prodotti speċjali tal-azzar għal diversi applikazzjonijiet inklużi l-karozzi, il-makkinarju, l-avjazzjoni, l-enerġija, il-bini tal-bastimenti u l-elettronika,

— il-JV fil-Mira hija impriża bi sħab f'żona ġdida mwaqqfa għall-finijiet tal-manifattura u l-bejgħ ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi li ma jissaddux fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10593 — DUSSUR / SeAH / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË